

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/148**tat-30 ta' Jannar 2019****dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva propanil skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fit-28 ta' Diċembru 2015 l-Italja rċeviet applikazzjoni mingħand il-kumpanija UPL Europe Ltd għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva propanil.
- (2) Skont l-Artikolu 9(3) ta' dak ir-Regolament, fid-29 ta' Frar 2016 l-Istat Membru relatur għarraf lill-applikant, lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità") bl-ammissibbiltà tal-applikazzjoni.
- (3) Għal dik is-sustanza attiva ġew iwwalutati l-effetti fuq saħħet il-bniedem u fuq saħħet l-annimali u fuq l-ambjent, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għall-użijiet proposti mill-applikant. Fl-14 ta' Lulju 2017 l-Istat Membru relatur bagħat abbozz ta' rapport ta' valutazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Awtorità.
- (4) L-Istati Membri u l-Awtorità eżaminaw l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni. Fis-6 ta' Settembru 2018, l-Awtorità bagħtet il-konklużjoni tagħha dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva propanil lill-Kummissjoni ⁽²⁾.
- (5) Permezz ta' ittra tal-14 ta' Settembru 2018, il-kumpanija UPL Europe Ltd irtirat l-applikazzjoni tagħha għall-approvazzjoni tal-propanil.
- (6) Minħabba li l-applikazzjoni ġiet irtirata, jenħteġ li l-propanil ma jiġix approvat.
- (7) Dan ir-Regolament ma jippreġudikax it-tressiq ta' applikazzjoni oħra għall-propanil skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva**

Is-sustanza attiva propanil mhijiex approvata.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1.⁽²⁾ EFSA Journal 2018;16(12):5418, 27 pagna, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2018.5418>. Konkluzjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva propanil imsejha "Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance propanil".

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
